**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Settembru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 131/01JR**

**John Abela Limited**

**vs**

**Sea Malta Company Limited u The Cargo Handling Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00), rapprezentanti hsara kkagunata fuq it-Trailer TR357 meta kien fil-kustodja tal-konvenut jew min minnhom.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited prezentata fit-22 ta' Marzu, 2001, fejn gie eccepit:**

1. **Preliminarjament illi t-talba attrici hija nulla u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma fihiex tifsira cara u sewwa tar-raguni tat-talba kontra s-socjeta` eccipjenti a tenur ta' l-Artikolu 156(1)(a), liema nuqqas johloq ukoll pregudizzju lis-socjeta` eccipjenti stante li ma tqieghedtx f'pozizzjoni li tiddefendi ruhha mill-allegazzjonijiet vagament diretti kontra taghha;**

2. **Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 65 tal-Kap.352 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova illi l-allegati danni sehhew waqt li t-trailer *de quo* kien taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta` eccipjenti u li l-istess container gie konsenjat lilha minghajr l-istess danni;**

4. **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

5. **Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Sea Malta, prezentata fit-23 ta' Marzu,**

**2001, fejn intqal illi s-socjeta` konvenuta qed tikkontesta t-talba attrici u dan peress illi:**

1. **It-Tribunal huwa inkompetenti rationae materiae;**

2. **Id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-tally sheet rilevanti, kopja ta' liema hi esebita u mmarkata Dok.A;**

3. **Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited, mhix responsabbli ghad-danni reklamati a tenur tal-klawsola ta' l-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu relevanti;**

4. **It-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Abela, Chris Gravina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-20 t'April, 2001 li fih is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited irtirat it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.**

Ra wkoll il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2001 li fih is-socjeta` Sea Malta Company Limited irtirat l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra:

1. It-Tribunal ser jibda biex jittratta l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, dwar li m'hemmx tifsira cara u sewwa tar-raguni tat-talba. L-istess socjeta` ghamlet referenza ghall-Artikolu 789 u l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap.12. Dan l-ahhar artikolu jistipula fost ohrajn li:

   > "Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha –
   >
   > (a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba."

   M' hemmx dubbju li dana l-artikolu qed jirreferi ghall-proceduri fil-Qrati Ordinarji, u mhux ghall-dawk il-proceduri quddiem Tribunal, bhal ma huwa t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fejn ma hemmx rikjesta dik ir-rigidita` li jistabilixxi il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

   L-Artikolu 3(1) ta' l-Avviz Legali 145 ta' l-1995 kif emendat bl-Avviz Legali 168 ta' l-1995, jistipula li l-parti li taghmel it-talba ghandha: "(a) timla l-formola ghat-talba li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma dawn ir-regoli."

   Il-formula li timtela tindika li dak li jkun x'ghandu jimla, u ghall-dak li

**jirrigwarda il-kasella "X'GARA?", fl-istess formula ta' l-Avviz hemm imnizzel li m'hemmx ghalfejn wiehed joqghod jghid kollox dwar il-kaz, u li ghandu jghid bizzejjed sabiex il-konvenut ikun jaf sewwasew il-kaz. Anzi hu indikat li l-grajja tkun fil-qosor.**

**Ghandu jigi rilevat ukoll li l-Artikolu 9 (3) ta' l-Att V ta' l-1995 jistipula li ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli maghmula tahtu.**

**Fil-fehma tat-Tribunal dak li tnizzel fl-avviz huwa sufficjenti, huwa konformi ma' l-ispirtu tal-Ligi li jirregola l-proceduri quddiem dan it-Tribunal, u ma hu qed johloq ebda pregudizzju lis-socjeta` eccipjenti. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

2. **Dwar il-fatti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet baghtet trailer fuq il-vapur Maltese Falcon minn Genova ghal Malta, u dana fit-13 ta' Jannar, 2001. Dana kien tghabba "in good confdition". Jirrizulta li hemm "clean" bill of lading fir-rigward Dok.CA1.**

3. **Il-vapur dahal Malta fil-15 ta' Jannar, 2001. Meta s-socjeta` attrici marret ghat-trailer sabitu bil-hsara fil-bibien ta' wara u n-naha tax-xellug. L-ispiza ghat-tiswija ta' dan it-trailer kienet ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00).**

**4. Jirrizulta mill-Gate Pass-Out Dok.CA2 datat 16 ta’ Jannar, 2001, li kien hemm l-imsemmija hsara fit-trailer.**

**5. Chris Gravina, tally clerk mas-Sea Malta ikkonferma dak li hemm fit-tally sheet Dok.A, u kien hu li ha hsieb din it-tally sheet. Skond din it-tally sheet jirrizulta li s-socjeta` Sea Malta kienet ikkonsenjat l-imsemmi trailer lill-Cargo Handling Company Limited f’kundizzjoni tajba.**

**6. Ghalhekk jirrizulta li kwalunkwe danni fit-trailer saru meta dana kien f’idejn is-socjeta` The Cargo handling Company Limited, u konsegwentement din is-socjeta` hi tenuta unikament li taghmel tajjeb ghad-danni li kien fih it-trailer in kwistjoni.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited biss, it-Tribunal, filwaqt li jillibera lis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited mir-responsabilita` ghall-dak li gara, jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront ta’ l-imsemmija socjeta` The Cargo Handling Company Limited u jikkundanna lill-imsemmija socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00).**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati intermanet mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**